MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 716/2006

**Go Plc. (C 22334)**

**vs**

**Angelo Schembri**
**(ID 558859 M) u Korporazzjoni Enemalta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta` Lulju, 2006 fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu in solidum bejniethom lis-socjeta` attrici s-somma ta` mitejn u sitta u sittin lira maltija u wiehed u tmenin centezmu llum ekwivalenti ghal Euro €621.50c, rapprezentanti valur ta` danni kawzati fi proprjeta` tas-socjeta` attrici gewwa Triq il-Kbira, Dingli.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tat-30 ta` Gunju, 2005.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenuti Angelo Schembri datata 5 ta` Ottubru, 2006 fejn ikkontesta t-talba attrici fis-sens illi l-hsara giet kawzata per konsegwenza ta` xoghol ezegwit minn Bonnici Brothers u mhux minnu. Inoltre jidher li l-cable tal-Maltaco kien imwahhal mal-arblu proprjeta` tal-Korporazzjoni konvenuta. Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub kien ezagerat peress illi ma kienx hemm ghalfejn li t-tiswija ssir wara l-hin.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni konvenuta datata 29 ta` Jannar, 2008 bis-sahha ta` liema kkontestat it-talba attrici fis-sens illi hija ma kawzat ebda hsara lis-socjeta` attrici u kwindi ma ghandhiex twiegeb ghal danni kkagonati minn terzi persuni.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Ezamina n-nota ta` osservazzjonijiet ipprezentata mis-socjeta` attrici u kif ukoll semghet it-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-konvenuti.

Ikkunsidra.

Illi s-socjeta` attrici qieghdha tfittex ghal hsara kawzata fil-cables taghha li kienu jinstabu gewwa Main Street, Dingli. Victor Busuttil, senior technical officer mas-socjeta` attrici jafferma li l-hsara kienet ikkawzata mill-konvenut Schembri waqt li kien qieghed jezekwixxi xoghol li huwa kien imqabbad jaghmel ghan-nom tal-Korporazzjoni konvenuta. L-istess haga jghid Ronald Cuschieri fl-affidavit tieghu. Fir-rapport tieghu a fol. 16 tal-process jispjega dan ix-xhud il-ghala t-tiswija kellha ssir wara l-hin. It-Tribunal jinnota pero` li ebda wiehed minn dawn iz-zewg xhieda ma spjega kif sehh l-incident u l-ghala kienu qed jitfghu t-tort fuq il-konvenut Schembri.

L-ex sindku ta` Had Dingli Abela xehed illi kien hemm kuntrattur imqabbad mis-socjeta` konvenuta sabiex inehhi arblu antik tal-Enemalta li mieghu kien hemm imqabbda xi servizzi ohra bhal tas-socjeta` attrici u kif ukoll tal-Melita Cable. Waqt li kien qed jinqala` dan l-arblu, beda

jiddendel u ghamel xi hsara kemm fil-wires tas-socjeta` attrici u tal-Melita Cable u kif ukoll fuq il-faccata ta` xi dar. Il-kuntrattur ma jafx min kien pero` l-operazzjoni kienet qed isir minn Hy-up bin-numru ABM 379. Dan ix-xhud ikompli jafferma li l-hsara grat peress illi dan l-operatur hadem wahda u ta` Bonnici Brothers li kien qed jaghmlu t-triq mill-gdid ma kienu nfluwenti xejn fuq l-akkadut. Il-kontenut tax-xhieda ta` l-ex sindku jinsab rifless fir-rapport li huwa ghamel lill-Pulizija, liema rapport jinsab ezebit u mmarkat Dok. XA 1 a fol. 57 tal-process. Illi skond l-istess rapport meta l-konvenut Schembri kien gie avvicinat (pero` mhux minn WPC 236 Xantha Azzopardi) dan kien wieghed li ser jirranga l-hsara.

L-EX PS 690 Carmel Pace filwaqt li jikkonferma l-istess rapport li sar l-ghassa, jispjega wkoll li l-konvenut Schembri kien ha xi inkarigu mill-Korporazzjoni konvenuta sabiex inehhi xi arbli antiki, liema arbli kienu fi stat hazin ferm li jaqghu wahedhom u meta huwa ra l-arbli maqlughin il-wires tas-socjeta` attrici rahom mdendlin u mqaccta.

Il-konvenut jikkonferma li huwa kien tqabbad bhala kuntrattur mal-Korporazzjoni konvenuta u jispjega li meta mar fuq is-sit in kwistjoni wara li nformawh bl-incident, innota arblu tal-Enemalta qed jistrieh fuq wires tas-socjeta` attrici u li per konsegwenza ta` hekk kienu nqalghu xi kantuni minn faccata ta` bini. Huwa jinnega li l-arblu kien waqa fuq il-cables tal-Go minhabba xoghol minnu ezegwit u jafferma li l-kawza ta` dak li kien gara kien minhabba xi trinek li kienu qed ighaddu ta` Bonnici Brothers f'dawk il-vicinanzi. Jispjega li meta qala l-arblu minn postu, l-wire tas-socjeta` attrici kien sabu gia` mqaccat. In kontro-ezami pero` l-konvenut jikkonferma li s-sindku kien gibidlu l-attenzjoni ghall-fatt li l-konvenut ma kienx qed jahdem tajjeb u jikkonferma wkoll li huwa kien qed jezegwixxi dan ix-xoghol ta` qlugh ta` l-arblu wahdu.

Ix-xhud David Bonanno prodott mill-Korporazzjoni konvenuta jikkonferma li l-istess Korporazzjoni kienet inkarigat lill-konvenut Schembri biex jaqla` l-arblu l-antik peress illi s-servizz tad-dawl kien ser jitqabbad ma` arblu

gdid. Illi jispjega li l-istess Korporazzjoni kienet infurmat lill-entitajiet l-ohra b’dan halli jaqilghu s-servizzi taghhom li kellhom ghaddejjin ma` l-arblu l-antik. Illi wara li nqala` l-incident pero`, huwa gie nfurmat mill-istess konvenut Schembri illi ma` l-arblu antik li nqala` jew waqa`, kien ghad ghandu ghaddej mieghu xi servizzi ta` entitajiet ohra. Fil-fatt skond dan ix-xhud Schembri kien qallu *“ma` l-arblu l-antik kien ghad hemm il-wires meta mar biex jaqla` l-istess arblu”.*

Illi dwar il-kwantum tad-danni, ghalkemm dawn jinsabu kkontestati mill-konvenut Schembri, jinghad pero` li t-Tribunal jinsab ampjament sodisfatt li tresqet prova sufficcjenti f’dan ir-rigward tramite id-dokumenti ezebiti a fol. 2 u a fol. 62 tal-process.

Illi dwar il-kwistjoni ta` responsabbilita`, it-Tribunal jinnota li fir-rigward tal-Korporazzjoni konvenuta, din ma ghandha b’ebda mod tigi tenuta li twiegeb ghal hsara kawzata, dwar liema hsara ma hemmx dubbju li fil-fatt giet kawzata lis-socjeta` attrici, peress illi l-istess Korporazzjoni konvenuta ssoddisfat il-vot tal-ligi fis-sens illi hija nkarigat persuna kompetenti biex taghmel ix-xoghol u certament ma kellha ebda raguni li tiddubita dwar il-kompetenza ta` l-istess kuntrattur, il-konvenut Schembri.

Mill-banda l-ohra l-konvenut Schembri filwaqt li jikkonferma li kien hu li qala` l-arblu l-antik, huwa jipprova jezimi ruhu minn kull responsabbilita` billi jispjega li meta gie biex jaqla` l-arblu kien sabu gia` mmejjel u jghid li jahseb li dana gara minhabba t-trinek li kien qed jaghmel ta` Bonnici Brothers. Apparti l-fatt li huwa naqas li jgib xi prova minghand l-istess Bonnici Brothers dwar dan l-allegat xoghol ta` trinek li kien qed jigi ezegwit minnhom, il-verzjoni tal-konvenut Schembri tikkontrasta sew max-xhieda moghtija mill-ex sindku Abela. Dan ta` l-ahhar spjega b’mod kategoriku li l-arblu waqa` u kkawza l-hsara peress illi l-operazzjoni kienet qed issir hazina u l-haddiem kien qed jahdem wahdu. L-istess konvenut Schembri stess jammetti li s-sindku kien gibidlu l-attenzjoni ghal dan il-fatt li kien qed jahdem hazin u r-risposta tieghu kienet biex jahdem hu minfloku. Apparti minn hekk l-istess

konvenut jikkonferma fattur iehor msemmi mis-sindku u cioe` li huwa kien qieghed jahdem wahdu. Inoltre l-istess konvenut Schembri sahansitra jikkonferma wkoll li meta gie biex jaqla` l-arblu l-antik, huwa stess kien innota li kien ghad hemm imqabbda mieghu l-cables tal-GO.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li ghandu jirrizulta ppruvat fuq bazi ta` bilanc ta` probabbilita` li l-hsara kawzata lis-socjeta` attrici sehhet minhabba agir negligenti u certament mhux kif titlob is-sengha u l-arti adoperata mill-konvenut Schembri waqt li huwa kien qieghed izarma l-arblu wahdu u f'mument meta kien jaf li kien ghad hemm il-cables tas-socjeta` attrici mqabbda mieghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fl-ewwel lok jilqa` l-eccezzjonijiet sollevati mill-Korporazzjoni konvenuta u kwindi jilliberha mill-osservazzjoni tal-Gudizzju, fit-tieni lok pero` jichad l-eccezzjonijiet avvanzati mill-konvenut Schembri, kwindi jilqa` t-talbiet attrici fil-konfront ta` dan il-konvenut u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut Angelo Schembri wahdu sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma rikjesta ta` Euro €621.50c, bl-imghaxjiet legali dekorribbli mit-30 ta` Novembru, 2005 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenut Angelo Schembri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------